# M I N U T I

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IS-SEBA' LEGISLATURA**

## LAQGĦA STRAORDINARJA - LAQGĦA NUMRU 28

15 ta' Frar 2017

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' biex żamm din il-Laqgħa Straordinarja fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fin-nofsiegħa.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | (VB) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |

ASSENTI B' APOLOĠIJI (SKONT ORNDI PERMANENTI 14A (3) :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Anthony Grech Sant | ( AGS ) | Kunsillier |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI TAL-LAQGHA STRAORDINARJA**

Is-Sindku Davina Sammut Hili presediet din il-laqgħa straordinarja.

**27.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**27.1.1** Il-Kunsillier Anthony Grech Sant kien talab li jigi skużat milli jattendi din il-laqgħa. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw li jkun skużat għar-raġuni sottomessa.

**27.2 KWOTAZZJONI – HIRE OF CRASH BARRIERS – FLC/Q/01/2017**

Ġie deċiż li tissejjaħ Laqgħa Straordinarja biex issir evalwazzjoni tar-rapport sottomess mill-Bord tal-Aġudikazzjoni bil-għan li tittieħed deċiżjoni dwar il-kwotazzjoni msemmija peress li kien qed jafas iż-żmien biex b' hekk il-Kunsill ikun jista jidderiġi ruhu aħjar.

Il-Bord tal-Aġudikazzjoni ppreżenta r-rapport tiegħu fejn irrikomandaw li l-unika l-offerta sottomessa sal-ħin tal-għeluq, dik minn AES, ma għandiex tiġiex mogħtija peress li kienet ferm għola mill-*budget* allokat għal dan l-iskop.

L-offerta ta' AES kienet ta' 5250 euro meta l- *budget* tal-Kunsill kien sa 3000 euro.

Tresqet mozzjoni mill-Kunsillier JAE, li ġiet issekondonata mill- Viċi Sindku VB, sabiex jittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport tal-Kumitat tal-Aġudikazzjoni u sabiex din l-offerta terġa' tiġi pubblikata minnufih, bir-riżultat ikun :-

| | | | |
|---|---|---|---|
| Favur | - | 4 | (DSH, VB, JAE, AD) |
| Kontra | - | 0 | |
| Astensjonijiet | - | 0 | |

**27.14** **TMIEM TAL-LAQGĦA**

**27.14.1** Il-laqgħa ntemmet fis-1:00pm.

**Minuti konfermati llum 12 t' April 2017.**

*Firmati*

DAVINA SAMMUT HILI
Sindku

*Firmati*

Mʾ LOURDES LAUTIER
Segretarju Eżekuttiv